MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 116/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Abdellah Berrad**

Kumpilazzjoni Nru: 116/2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdellah Berrad, ta' 33 il-sena, bin Abdellah u Zioute nee Malika, imwieled Marokk, fid-19 ta' Mejju, 1976 u residenti fil-fond numru 18, 'JoeCon', Flat no 2, Triq it-Tankijiet, B'Bugia u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 22642(A).

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar, 2010 ghal habta ta' 01:00am gewwa B'Bugia minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Noel Theuma detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 31681(M) minn B'Bugia u dan skond kif iccertifika Dr.Anton Bugeja MD reg 2466 u dan ai terminu tal-artikolu 214 u 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmel Theuma detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 143549(M) minn B'Bugia u dan skond kif iccertifikat Dr.Diana Balzan MD reg 2111.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Carmena Theuma detentrici tal-karta bin-numru 624750(M) minn B'Bugia u dan skond kif iccertifika Dr.Anton Bugeja MD Reg. 2466.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess persuna imsemmija sabiex ingurja, iddejjaq jew jaghmel xi hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament ikkometta hsara fuq il-proprjeta' "Casablanca Bar", B'Bugia ta' l-istess Noel Theuma.

Il-Qorti, giet gentilment mitlub li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Noel Theuma sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitatati, turbot lill hati b'obbligazzjoni tieghu innfsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata kif jidhrilha xieraq l-Qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti hala Qorti Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
(a) 214 u 216(1)(b);
(b) 214, 221(1) u 222A;
(c) 214 u 221(1);
(d) 325(1)(b);
(e) 338(dd) u 339(d);
(f) 382A, 383, 384, 386 u 412C;
(g) 17, 23, 31 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jitratta glieda li nqalghat nhar l-14 ta' Frar 2010 f' Birzebbugia u li fiha Noel Thuema, Carmel Theuma u Maria Carmena Theuma soffrew griehi.

Illi fil-hin ta'l-incident l-imputat kien ghadu kif irritorna Birzebbugia fejn kien joqghod, flimkien mal-partner tieghu u habib taghhom. Qabel ma dahlu d-dar avvicina l-Casablanca Bar and Restaurant biex jidhlu hemm. Hekk kif kien diehel Noel Thuema, li kien qieghed barra jnaddaf xi mwejjed, waqqfu ghaliex kien hemm private function; dak il-hin barra kien hemm ukoll omm Noel, Maria Carmela Theuma li ukoll kienet qed tizbarazza l-imwejjed ta' barra flimkien ma' binha. Jidher li l-imputat baqa jinsisti biex jidhol u anke prova jimbotta lil Noel Theuma. Dan meta ra hekk qabad sanitizing spray li kellu f'idejh u sprejja fid-direzzjoni ta' l-imputat. Malli gara hekk l-imputat qasam it-triq fejn kien hemm shabu u bdew jghaddu kummenti dispregjattivi fil-konfront ta' Maria Carmela Theuma. Meta Noel Thuema sema hekk hu resaq ghal fuq l-imputat u shabu (dak il-hin lahaq wasal ragel iehor

maghhom), u kien f'dan il-mument li l-partijiet gew f'l-idejn. Meta Maria Carmela Thuema rat hekk dahlet gewwa issejjah lil zewgha, Carmel Thuema, li dak il-hin kien qieghed fil-kcina; dan qabad lembuba u hareg barra u hu ukoll spicca fil-glieda. Ghalkemm ma specifikatx kif involviet ruhha jew kif giet involuta fil-glieda Maria Carmel Theuma ukoll spiccat intlaqtghet. F'xi hin meta donnu l-glieda kienet qed tisfaxxa xi hadd (zgur mhux l-imputat) beda jaghti fuq il-hgieg tal-hanut li nkiser. Kien propju dak il-hin li waslu l-pulizija fuq il-post. Iz-zewg persuni ta' sess maskili li kienu ma'l-imputat harbu jigru pero l-imputat baqa fuq il-post; wiehed minn dawk li telqu jigru kellu xi hadida f'idejh li telaqha ma'l-art. F'dan l-incident Noel Thuema soffra griehi li rrizultaw li huma ta' natura gravi ai termini ta'l-artikolu 216(1)(b), fil-waqt li Carmel Thuema, li fil-gurnata ta'l-incident kellu sittin sena, u Maria Carmela Thuema soffrew griehi ta' natura hafifa.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li hemm kunflitti evidenti fil-verzjonijiet mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif kontrastati mal-verzjonijiet mghotija mill-imputat u x-xhiedha tieghu; hemm ukoll xi divergenzi f'dak li jghidu uhud mix-xhiedha mressqa mill-prosekuzzjoni. Minkejja dan il-Qorti hija sodisfatta li l-fatti graw kif sintetizzati aktar 'l fuq.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ta'l-Avukat Generali huma: griehi gravi fil-konfront ta' Noel Thuema; griehi hfif fil-konfront ta' Carmel Thuema u Maria Carmela Theuma, b'l-aggravju kontemplat f'l-artikolu 222A fil-kaz ta' Carmelo Thuema; hebb fil-konfront ta' Maria Carmel Thuema; ksur tal-paci u bon ordni pubblika; kif ukoll hsara volontarja.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat ippartecipa fil-glieda li fiha spiccaw feruti l-membri tal-familja Thuema u ghalhekk hija sodisfatta li l-ewwel hames imputazzjonijiet gew pruvati. L-istess ma jistax jinghad ghas-sitt imputazzjoni ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li ma kienx l-imputat li beda jaghti fuq il-hgieg tal-hanut ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija netta u l-fatt li l-unika interess li ghandhom il-parte civile f'dawn il-proceduri huwa li tigi garantita s-sigurta taghhom[1].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-limputat hati tas-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu (dik indikata fil-paragrafu "d" tan-nota tar-inviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali) u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 221(1), 222A(1), 338(dd) u 339(1)(d) issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Noel Thuema, Maria Carmela Thuema u Carmel Thuema u ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku qed torbot lill-imputat ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn Euro (€2,000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija Noel Thuema, Maria Carmela Thuema u Carmel Thuema.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Hekk indika l-avukat li kien qed jirraprezentahom, waqt is-sottomissjonijiet tieghu.